# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 229/2022

**Il-Pulizija**

**(Spettur Lydon Zammit)**

**vs**

**Essid Elssaeh S.Amer**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Essid Elssaeh S.Amer detentur tal-karta tal-identita Maltija 175717 A quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli:

1. Nhar it-3 ta' Dicembru 2021 ghal habta ta' bejn 17:30 Hrs u 18:00Hrs ta' filgħaxija gewwa binja fi Triq il-Kapuccini, 1-Marsa, irrenda ruhu komplici meta flimkien ma persuna ohra, serqu flus kontanti minn fuq il-persuna ta' George Xerri, li huwa anzjan ta' wiehed u sebghin sena (71), liema serq huwa aggravat bil-

violenza, bil-mezz, bil valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin u erbgha u disghin centezmu tal-euro (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (62329.37) u bil-hin għad-dannu ta' l-istess George Xerri u/jew persuni ohra.

2. Nhar is-6 ta' Dicembru 2021 ghal habta ta' bejn 14:00 hrs u 14:30 hrs gewwa Triq San Gejtanu, Hamrun irrenda ruhu komplici flimkien ma' persuna ohra, serq ta' mobile phone minn fuq il-persuna ta' Charles Farrugia, li huwa anzjan ta' erbgha u sittin sena (64), liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tlettin u erbgha u disghin centezmu tal-euro (€ 232.94) izda ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' l-istess Charles Farrugia u/jew persuni ohra.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall hlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif kontemplat fl-Artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ghas sigurta tal-persuni hawn fuq indikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-12 ta' Mejju 2022 li biha wara li rat l-Artikoli 17, 18, 20, 31, 257 D (b), 261 (a) (c) (f), 262, 267, 270, 274, 276 A, 277 (a), 279 (a) u 280 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lil Essid Elssaeh S.Amer hati tal-

imputazzjonijiet kollha u kkundannatu erba' (4) snin prigunerija effettiva.

Ghall-fini tal-Artikolu 382 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-imputat ghall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Charles Zammit u George Scerri, ghal perjodu ta' tliet (3) snin, liema perjodu beda jghodd mid-data li fih giet skontata s-sentenza.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412 D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat hrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-hati, Essid Elssaeh S.Amer, ghall-fini li jeghleb id-dipendenza tieghu fuq id-droga, liema Ordni kellha tibqa' fis-sehh ghal zmien hames (5) snin.

Ordnat li kopja tas-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex jiehu konjizzjoni ta' u jimplementa, l-Ordni ta' Trattament mahrug fil-konfront tal-hati.

Billi ma kien mahtur l-ebda espert jew perit fil-proceduri, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba maghmula mill-Prosekuzzjoni taht l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ordnat wkoll li l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' access ghal kopja skenjata ta' din is-sentenza fi zmien sitt ijiem tax-xoghol a tenur tal-Artikolu 392 A (2) tal-Kapitolu 9.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Essid Elssaeh S.Amer pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Mejju 2022 li bih talab lil din il-

Qorti **tirriforma** s-sentenza billi **tikkonfermaha** fejn sabet il-htija u n-nuqqas tal-aggravanti tal-mezz, u **tibdilha** fejn waslet li huwa applikabbli l-Artiklu 274 (c) u l-Artiklu 276 A, u **tibdilha** dwar il-piena billi taghti wahda li aktar taghmel ghall-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell dwar il-piena kominata mill-ewwel Qorti fi procedura taht l-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali fejn, wara ammissjoni nkondizzjonata tal-imputat kien ikkundannat ghal-terminu ta' prigunerija ghall-erba' snin. L-apppellant jillanja din is-sentenza b'zewg gravami ta' natura procedurali li fil-fehma tieghu jincidu direttament fuq il-*quantum* tal-piena kif ukoll aggravju fuq l-istess piena;

2. Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jallega zewg nuqqasijiet u jibda billi jargumenta illi l-agir tal-prosekuzzjoni kien "*ultra petita*" "*li waslet sa certa akkuza u l-Qorti m'ghandhiex il-jedd li zzid aggravanti li ma tkunx dedotta. La ma kienitx dedotta allura lanqas seta' jirrispondi ghaliha, u anqas u anqas seta' ammetta ghaliha*". Ir-ragunament tal-appellant huwa radikat mill-fehma tieghu li qatt ma kien imputat bl-aggravju ta' vjolenza konsistenti

f'offiza fuq il-persuna fis-serq u fis-sottomissjonijiet orali tieghu jimplika li wara li l-kawza thalliet ghas-sentenza, l-Qorti donnu semghet dak li kien sehh dwar il-ko-imputat u attribwiet l-imputatazzjoni ta' dan l-ahhar lill-istess appellant. Ezaminati l-atti processwali, izda, ma jirrizultax dak appena allegat;

3. L-appellant kien imputat bhala komplici fir-reat ta' serq akkumpanjat, *inter alia*, bil-kwalifika tal-vjolenza. L-artikolu 261 tal-Kodici Kriminali jelenka dawk ic-cirkostanzi li huma meqjusa bhala "vjolenza" ghall-kwalifika fis-serq u dan l-artikolu jiddisponi hekk:

262(1) Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"vjolenza" –

(a) Meta jsir flimkien ma' omicidju, ma' offiza fuq il-persuna, jew ma' sekwestru tal-persuna, jew ma' theddid bil-miktub jew bil-fomm, ta' omicicdju jew ta', offiza fuq il-persuna jew ta' hsara fil-proprjeta';

(b) Meta l-halliel jipprezenta ruhu armat, ew meta l-hallelin, ghad li ma jkunux armati, jipprezentaw ruhhom izjed minn tnejn;

(c) Meta wiehed li jkun qieghed jiggerra mal-kampanja, armat b'armi regulari, jew li jkun jaghmel sehem inn gemgha ta' nies migbura flimkien fis-sens tal-artikolu 63, b'talba bil-miktub jew bil-fomm, maghmula minnu nnifsu jew permezz ta' persuna ohra, igieghel li jigu moghtija lilu hwejjeg haddiehor, ghad illi t-talba ssir minghajr ebda theddid.

**(2) Sabiex att ta vjolenza jitqies li jikkwalifika s-serq, huwa bizzejjed li dan isir qabel jew fil-waqt tas-serq, jew minnufih wara, sabiex jghin il-konsumazzjoni tad-delitt, jew il-helsien tal-hati mill-piena jew mill-arrest jew mill-ghagha tal-offizi jew ta' ohrajn, jew sabiex il-hati ma jhallix tigi lilu mehuda lura l-haga misruqa, jew biex jivvendika ruhu talli ma jkunux hallewh jew fittxew li ma jhaalluhx jisraq, jew talli jkunu hadulu lura l-haga misruqa, jew talli jkun gie mikxuf bhala l-halliel.**

4. Il-piena ghall-serq ikkwalifikat bil-"vjolenza" imbaghad hija maqsuma f'diversi kategoriji fl-artikoli 272 sa 277 b'mod li huwa minnufih evidenti illi l-ligi thares b'aktar severita'fil-kazijiet fejn il-vjolenza tikkonsisti fil-mewt jew f'offiza fuq il-persuna jew is-sekwestru taghha u dan mill-gradwatorja fil-piena kominabbli. Jekk, izda, is-serq isir b'dik il-"vjolenza" li mhix imsemmija fl-artikolu 272 sa 276 (mewt, offizi fuq il-persuna jew sekwestru) fejn allura il-ligi bilfors qed tirreferi ghall-dawk ic-cirkostanzi elenkati fis-subartikoli (b) u (c) tal-artikolu 262 il-piena erogabbli hija anqas. Issa minn dan kollu, dak li huwa ta' interess ghall-kaz in disamina huwa l-artikolu 276 ghaliex l-appellant donnu jikkontendi li l-unika piena li setghet kienet applikata fil-konfront tieghu kienet dik ravvizata fl-artikolu 276 , dik ta' prigunerija ghal zmien minn disa' xhur sa tlett snin, li allura teskludi l-pieni l-ohra kif appena indikat u dan ghaliex fl-imputazzjoni kif postulata ma hemm l-ebda referenza ghall-offizi kommessi fuq id-derubat;

5. Illi l-argument allura tal-appellant huwa li la l-akkuza wisq anqas il-provi ma jallegaw offiza fuq il-persuna tad-derubat li dwaru saret ammissjoni. Harsa akkurata lejn l-ewwel fatt imputat juri li l-appellant kien mixli <u>b'komplicita</u>' fis-serq

aggravat, *inter alia*, bil-vjolenza. Issa, ghalkemm fil-fatt imputat ma hemmx deskrizzjoni ta' liema wahda mic-cirkostanzi tal-Kodici Kriminali qieghed jikkwalifika l-"vjolenza", meta l-ispettur prosekutur ddepona quddiem il-Qorti Istruttorja qal hekk: "*Fil-fatt l-akkuzi qeghdin bhala komplicita', hu ma nghatax li wettaq griehi, ghax kien l-ewwel persuna Obaid li wettaq il-griehi. Ressaqna u ammetta l-akkuzi kollha*". L-istess xhud esebixxa kopja tal-okkorrenza fejn hemm indikat illi d-derubat kien sofra offiza deskritta bhala "griehi" f'idu x-xellugija u meta offrut l-assistenza stqarr li ma kellux bzonn. L-istess okkorrenza rregistrat illi d-derubat kien ezaminat minn Dr. David Barbara fil-Poliklinika tal-Furjana li ccertifika li kien sofra "griehi" ta' natura hafifa;

6. Illi ghalhekk il-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti li id-derubat kien sofra offiza fuq il-persuna tieghu hija sorretta mill-provi mressqa li l-imputat mhux biss ghogbu ma jaghmel xejn dwarhom izda rregistra ammissjoni wara d-deposizzjoni tal-ispettur prosekutur u l-presentata tal-okkorrenza. Ghalhekk meta rregistra ammissjoni, l-imputat kien jaf ghal x'hiex kien qed jammetti u l-ewwel Qorti ma setghetx ma tiehux konjizzjoni tal-fatt illi d-derubat, persuna anzjana, sofra offiza fuq il-persuna tieghu waqt is-serqa u ghalkemm ma kienx l-imputat li kkawza din l-offiza, kien mixli bhala komplici u li ghalhekk kien applikabbli fil-konfornt tieghu l-artikolu 274 tal-Kodici Kriminali;

7. Il-kwistjoni ghalhekk kellha tkun dwar liema subartikolu tal-artikolu 274 kien applikabbli u d-dibattitu jaqa' bejn is-subartikolu (c) u (d). Fl-ewwel kaz hija komminabbli piena ta' prigunerija ghal zmien minn sentejn sa hames snin meta l-offiza

tkun hafifa u fit-tieni kaz ghal zmien minn tmintax-il xahar sa tliet snin jekk l-offiza tkun hafifa u ta' importanza zghira u mhux maghmula b'wiehed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 217 jigifieri b'arma regolari, bi strument li jaqta' jew iniggez, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jahraq jew li hu korrosiv. Dwar dawn l-ahhar cirkostanzi huwa palezi li ma hemm xejn in atti li jiddemostra dan il-mezz kif ukoll li s-sentenza appellata ma ghamlet ebda tali referenza.

8. Dak illi jibqa' mhux accertat, izda, huwa jekk l-offiza hafifa subita mid-derubat kienitx wahda ta' mportanza zghira jew le u kif osservat *supra*, din ghandha rilevanza minhabba l-piena erogabbli. Fl-okkorrenza esebita hemm indikat illi ghalkemm id-derubat sofra offiza hafifa f'idejh huwa kien offrut assistenza medika izda qal li ma kellux bzonn. Aktar tard, xorta wahda kien ezaminat medikament u l-offiza kienet certifikata bhala wahda hafifa. In vista, ta' dan il-Qorti kellha tapplika l-aktar piena favorevoli ghall-imputat u ghalhekk dik ravvizata fis-subartikolu (d) tal-artikolu 274. Ghalhekk filwaqt illi l-appellant ma ghandux ragun fl-ewwel parti tal-ewwel aggravju, ghandu ragun fit-tieni parti tieghu;

9. Illi fit-tieni aggravju tieghu, l-appellant jallega li minkejja li l-ewwel Qorti qalet li hadet in konsiderazzjoni l-ammisjoni bikrija tal-imputat, il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u li dawn kienu l-ewwel reati li jidhru fuq il-fedina penali tieghu, l-piena inflitta ma tirriflettix dawn l-elementi ghaliex prattikament ma jidher li ma hemm ebda tnaqqis ghal dawn il-konsiderazzjonijiet. Issa, apparti li l-piena erogata hija fil-parametri tal-ligi, kif kostantement deciz minn din il-Qorti l-ammissjoni bikrija ma tfissirx li imputat huwa

intitolat b'mod awtomatiku ghal xi skont fis-sanzjoni erogabbli. Jibda biex jinghad illi, jekk *gratia argomenti* ghalissa, l-piena kellha tkun skond l-artikolu 724(c) [u mhux (c) ghar-ragunijiet moghtija *supra*], allura l-imputat kien soggett ghall-prigunerija ghal zmien minn sentejn sa hames snin. L-artkolu 276A imbaghad **jimponi** b'mod tassattiv zieda minn grad sa zewg gradi tal-pieni msemmija fl-artikolu 274 stante li l-vittma ghandu aktar minn sittin sena. Dan iwassal ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tlett snin sa sitt snin f'kaz ta' zieda bi grad u erba' snin sa disa' snin f'kaz ta' zieda ta' zewg gradi. Dan ifisser meta l-Qorti ddikjarat li ser zzid il-piena bi grad, l-imputat kien passibbli ghal prigunerija ghal zmien minn tlett snin sa sitt snin u ghalhekk meta inghata erba' snin kien aktar qrib il-minimu. Konsegwentement, anke jekk l-imputat ma kienx intitolat ghal xi skont fil-piena, l-ewwel Qorti xorta wahda hadet in konsiderazzjoni l-fatturi kif minnha dikjarati;

10. Illi fl-ahhar aggravju tieghu, l-appellant jillanja difett procedurali fl-operat tal-ewwel Qorti billi jallega li uzat provi li setghet saret taf hi, minn x'imkien iehor u mhux minn xiehda mismugha mill-pedana jew dokumenti presentati u konfermata l-awtenticita' taghhom skond il-ligi. Dan l-aggravju jorbot mal-ewwel wiehed fejn din il-Qorti gia kkonkludiet li l-appellant huwa zbaljat fl-allegazzjoni tieghu ghaliex dik l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghal-dak kontenut fl-atti processwali migjuba quddiemha senjatament l-okkorenza redatta mill-pulizija u kif gia spjegat *supra* id-deposizzjoni tal-ispettur prosekutur. L-ewwel Qorti mxiet b'mod korrett ghall-ahhar tant li minkejja li l-imputat ammetta ukoll ghall-kwalifika tal-mezz fis-serqiet minnu

ammessa ma sabet xejn in atti li jikkonfermaw dik il-kwalifika u ghalhekk illiberatu minnha;

11. Illi ghalhekk jifdal il-quantum tal-piena li issa qed tkun kalibrata fuq l-artikolu 274(d) u 276A tal-Kodici Kriminali jigifieri ta' prigunerija minn tmintax-il xahar sa tlett snin mizjuda bi grad li allura tissarraf ghall-sentejn sa erba snin;

12. Illi in konkluzzjoni filwaqt illi tichad l-ewwel parti tal-ewwel aggravju u t-tieni u t-tielet aggravju, tilqa' t-tieni parti tal-ewwel aggravju u konsegwentement tiddisponi minn dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha f'dik il-parti li biha kkundannat lill-imputat ghal-terminu ta' prigunerija ghal erba snin u minflok tikkundannah ghal-piena ta' prigunerija ta' tlett snin u erba xhur u tikkonfermaha fil-bqija.